# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 14**

**Rikors numru 524/09 SM**

**Barkeib Abdulmajead Asad Elmajead**

**v.**

**Auto Mechanical Engineering Services Limited**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat tal-attur, tad-29 ta' Mejju, 2009, li permezz tieghu nghad hekk:

> "1. Illi r-rikorrenti kien impjegat mas-socjeta` intimata, meta waqt li kien fuq il-lant tax-xoghol, fit-18 ta' Dicembru 2008, huwa korra u sofra disabilita` permanenti fuq persuntu meta wegga' serjament f'ghjajnejh ix-xellugija.

"2. Illi ghal dan l-incident tahti unikament is-socjeta` intimata billi din ma provdietx post adegwat ghax-xoghol li kien qieghed jahdem fih ir-rikorrenti.

"3. Illi dan l-incident gara minhabba traskuraggni, imperizja, negligenza, non-curanza, nuqqas ta' hila fl-esercizzju tal-professjoni taghha u nuqqas ta' harsien da parte tas-socjeta intimata, meta kellha l-impjegati taghha jahdmu fil-lant tax-xoghol taghha.

"4. Illi s-socjeta intimata mitluba tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni subiti mir-rikorrenti baqghet inadempjenti anke meta giet mitluba taghmel dan permezz tal-ittra legali tal-15 ta' April 2009.

"5. Tghid ghalhekk is-socjeta` intimata ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex [1] tiddikkjaraha responsabbli ghad-danni subiti mir-rikorrenti, ghar ragunijiet fuq imsemmija, [1] jigu likwidati d-danni sofferti mir-rikorrenti u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, [3] tigi ikkundannata thallas lir-rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati minn din il-Qorti - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

"6. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tal-15 ta' April 2009 kontra is-socjeta` intimata li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha."

2. Rat ir-risposta guramentata tas-socjetà konvenuta tal-15 ta' Settembru, 2009, li permezz taghha wiegbet:

"1. Illi s-socjeta` intimata ma tahti assolutament xejn ghall-incident in kwistjoni stante illi l-istess incident sehh unikament minhabba imperizja, htija u nuqqas ta' osservanza u traskuragni tal-istess rikorreni minkejja li gie mwissi diversi drabi.

"2. Illi konsegwentement isegwi illi anke t-tieni u t-tielet talba ghandhom jigu michuda.

"3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni

"4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

3. Rat is-sentenza tal-10 ta' Marzu, 2015, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi:

> "…din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma pprovax il-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:
>
> "29.1. Filwaqt li takkolji r-risposti kollha tas-socjeta` intimata;
>
> "29.2. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;
>
> "29.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "16.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:
>
> "16.1. Illi r-rikorrenti kien impjegat mas-socjeta` intimata bhala mekkanik, (ara foll 18), u kien ilu hekk impjegat maghha mill-2008, (ara foll 108);
>
> "16.2. Illi qabel sehh l-incident meritu tal-procedura odjerna r-rikorrenti kien ilu madwar sena (1) u xahrejn (2) impjegat ta' l-istess socjeta` intimata (ara foll 18), u qabel ma kien gie hekk impjegat kien afferma li kellu esperjenza f'dan ix-xoghol partikolari , (ara foll 108);
>
> "16.3. Illi fil-hin tal-incident ir-rikorrenti kien qed jahdem fuq il-morsa, (ara foll 18);
>
> "16.4. Illi skont xhud okulari, (Ghergis Weldensae Fadaga), ir-rikorrenti "... kien qed jghawweg pjanca hoxna u jgibha 90 *degrees*", wara li jaghmel toqba, (ara foll 18);
>
> "16.5. Illi skont l-istess Fadaga "dak il-hin li wegga kien lesta l-hadida bit-toqba u rabatha fil-morsa", (ara foll 18);
>
> "16.6. Illi l-incident sehh meta r-rikorrenti "qabad martell u poggieh mall-hadida umbaghad qabad martell iehor u beda jsammar fuqu biex jghawweg il-hadida 90 *degrees*. Umbaghad smajtu jghajjat "Ahh" ghax dahallu xi haga f'ghajnejh, (ara foll 18);
>
> "16.7. Illi skont l-istess Fadaga jidher li r-rikorrenti kien gia` inqabad mis-superjuri tieghu jahdem b'dan il-mod u kien gie rimpoverat minn Alfred wiehed mid-diretturi tas-socjeta` intimata, li qallu li "meta isammar martell fuq martell kien hazin", (ara foll 18 u 108);
>
> "16.8. Illi l-istess Fadaga jsostni li r-rikorrenti kien irrikonoxxa li din il-prattika ta' xoghol kienet hazina u kontra s-sengha u l-arti u

jirribadixxi li r-rikorrenti kien fehem li tali prattika kienet hazina, (ara foll 18);

"16.9. Illi jirrizulta li Fadaga, ko-impjegat flimkien mar-rikorrenti, fis-socjeta` intimata insista li sid is-socjeta` *de quo* kien jinsisti li l-haddiema ma kellhomx jahdmu minghajr nuccali – specjalment meta juzaw il-*grinder*, (ara foll 19);

"16.10. Illi s-socjeta` intimata kienet tipprovdi lill-impjegati kollha taghha bl-apparat kollu necessarju biex jahdmu b'sigurta`, liema apparat kien jinzamm mill-impjegati fil-*locker* taghhom u wzat waqt ix-xoghol, (ara foll 19);

"16.11. Illi l-imsemmi Fadaga xhed bil-gurament tieghu li kien avvicinat mir-rikorrenti biex jitla jixhed u jghid li l-istess rikorrenti ma kienx fornit b'nuccali tax-xoghol, (ara foll 19);

"16.12. Illi Fadaga irrifjuta li jikkollabora mar-rikorrenti *stante* li dak minnu suggerit ma' kienx jirrifletti l-verita` peress li r-rikorrenti, bhal haddiema l-ohra kollha, kellu l-apparat kollu tas-sigurta`, inkluz in-nuccali, (ara foll 19);

"16.13. Illi *di piu`*, l-istess xhud fuq indikat isosstni li r-rikorrenti kien ukoll gharaf l-izball tieghu li jahdem bil-metodu fuq spjegat u minghajr nuccali meta kien mar izuru ma' wiehed mid-diretturi tas-socjeta` *de quo* l-isptar, fejn ammetta li l-incident in dizamina kien "kollu tort tieghi", (ara foll 19 u 111);

"16.14. Illi jirrizulta wkoll li l-istess xhud fuq riferit kien sab l-ghodda li r-rikorrenti kien qed juza meta sehh l-incident, u f'wiehed mill-imrietel minnu uzati "... sibna illi ... kellu bicca zghira mtajra", (ara foll 19);

"Ikkunsidrat:

"17.0. Illi l-versjoni tal-incident moghtija mir-rikorrenti tista` tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

"17.1. Illi hu kien ilu impjegat mas-socjeta` intimata bhala *mechanic* ghal hames (5) xhur qabel l-incident, (ara foll 35);

"17.2. Illi kien qed jghawweg pjanca u jaqta` toqba fiha, (ara foll 35);

"17.3. Illi waqt dan ix-xoghol isostni li kellu jaghti bil-martell lil din il-pjanca, (ara foll 35);

"17.4. Illi l-martell minnu uzat kien tqil madwar zewg (2) kilojiet, (ara foll 35);

“17.5. Illi waqt li kien qed isammar bl-imsemmi martell fuq il-pjanca *de quo* hass daqqa fuq il-habba t’ghajnejh ix-xellugija, (ara foll 35);

“17.6. Illi jsostni li peress li l-imghallem tieghu dak il-hin ta’ l-incident kien qed jahdem bic-*chaser* fuq il-hadid, allura “... l-ixkatlatura tac-*chaser* ta’ Joseph Spiteri kienet tahbat mall-hajt u giet ghal fuqi u dan nghidu billi jien kont inhoss diversi bicciet jaqghu fuq rasi”, (ara foll 35);

“17.7. Illi r-rikorrenti jsostni li ma kellu l-ebda preparazzjoni teknika qabel ma nghata dan ix-xoghol, (ara foll 35);

“17.8. Illi *nonostante* dak indikat fil-paragrafu precedenti l-istess rikorrenti jsostni li kellu diversi snin t’esperjenza f’dan ix-xoghol – precizament madwar ghoxrin (20) sena, (ara foll 36);

“17.9. Illi s-socjeta` rikorrenti qatt ma taghtu l-ebda *safety equipment* biex jahdem u kien hu stess li kien xtara l-istess apparat, (ara foll 36);

“17.10. Illi jsostni li tlett (3) ijiem qabel l-incident hu kien tilef in-nuccali tax- xoghol tieghu, (ara foll 36);

“17.11. Illi anke nforma lil wiehed mid-diretturi tas-socjeta` intimata b’dan u nghata struzzjonijiet biex ikompli bix-xoghol li kellu u jahdem minghajr nuccali, (ara foll 36);

“Ikkunsidrat:

“18.0. Illi da parti tieghu d-direttur fuq indikat isostni sintetikament is-segwenti:

“18.1. Illi hu kien jahdem fil-garaxx *de quo* flimkien mall-haddiema, (ara foll 111);

“18.2. Illi kien josserva x’kienu jilbsu l-haddiema u jassigura ruhhu li jkunu libsin is-*safety equipment*, (ara foll 111);

“18.3. Illi meta l-haddiema ma kienux jilbsu dan l-apparat kif dovut, kien jigbdilhom “... l-attenzjoni ghal dan, u jgelhom jilbsu l-apparat necessarju biex jaghmlu xogholhom sew”, (ara foll 111);

“18.4. Illi s-*safety equipment* kollu, fosthom *helmet*, nuccali, maskla u ngwanti, kien ipprovdut lill-impjegati kollha mis-socjeta` intimata;

“18.5. Illi l-impjegati tal-istess kienu wkoll ipprovduti b’*locker* biex fih izommu l-apparat meta ma jkunux qed juzawh, (ara foll 108, 131 u 132);

"18.6. Illi d-direttur Joseph Spiteri kien spjega fid-dettal lir-rikorrent x'kellu jaghmel senjatament: (ara foll 131)

"18.6.1. Jorbot pjanca tal-hadid ta' madwar millimetru (1) hxuna u ta' daqs ta' hames (5) pulzieri bi tlett (3) pulzieri;

"18.6.2. Jorbot il-hadida go morsa;

"18.6.3. Jawwigha xi hmistax (15) il-grad;

"18.6.4. Illi l-istess direttur kien anke ta' mudell lir-rikorrenti biex jahdem fuqu;

"18.7. Illi meta wara l-incident l-imsemmi direttur mar jara l-bank fejn kien qed jahdem ir-rikorrenti "... rajt li kien hemm zewgt (2) imrietel fuq il-bank u sibt wiehed minnhom b'bicca imtajra ...", (ara foll 131);

"18.8. Illi jirribadixxi wkoll li kien gia` ta` struzzjonijiet lir-rikorrenti biex "... ma ssammarx fuq l-azzar", (ara foll 131);

"Ikkunsidrat:

"19.0. Illi tenut kont tas-suespost, jirrizulta s-segwenti:

"19.1. Illi hemm diskrepanzi mill-versjonijiet kif fuq sintetikament elenkata li jinhtiegu li jigu indirizzati;

"19.2. L-esperjenza tar-rikorrenti:

"19.2.1. Rigward din l-esperjenza jirrizulta li r-rikorrenti jghid li kellu ghoxrin (20) sena esperjenza fuq dan ix-xoghol, (ara foll 36);

"19.2.2. Illi rigward l-perjodu li r-rikorrenti kien hekk impjegat mas-socjeta` intimata jirrizultaw perjodi differenti:

"19.2.2.i. Fadaga jsostni li kien ilu madwar sena u xaghrejn, (ara foll 18);

"19.2.2.ii. Ir-rikorrenti jsostni li kien ilu mpjegat madwar hames (5) xhur, (ara foll 35);

"19.2.2.iii. Skont direttur tas-socjeta` intimata kien ilu mpjegat minn Lulju, 2008, (ara foll 108);

"19.3. L-Apparat ta' Sikurezza:

"19.3.1. Illi d-diretturi tas-socjeta` intimata u l-impjegat Fadaga jsostnu li dan l-apparat kien:

"19.3.1.i. Ipprovdut mis-socjeta` intimata;

"19.3.1.ii. Illi l-istess socjeta` kienet ukoll tipprovdi post adegwat fejn il-haddiema setghu jerfghu l-istess apparat b'mod sigur;

"19.3.2. Illi r-rikorrenti minflok isostni, li qatt ma nghata dan l-apparat;

"19.3.3. Illi konsegwentement kien kostrett jixtri l-apparat hu stess;

"19.3.4. Illi meta ma sabx in-nuccali, mar jilmenta mad-diretturi tas-socjeta` intimata li jsostni li qalulu jixtri iehor;

"19.4. In-numru tal-Haddiema fil-garaxx:

"19.4.1. Illi r-rikorrenti jsostni li kien hemm Joseph Spiteri jahdem bic-*chaser*;

"19.4.2. Illi effettivament ir-rikorrenti kien qed jahdem f'parti izolata tal-garaxx, gewwa nett, (ara foll 117 u 119);

"Ikkunsidrat:

"20.0. Illi l-versjoni komplessiva tar-rikorrenti ma tantx hi versosinili u dan, ghas-segwenti ragunijiet:

"20.1. Illi jirrizulta assodat b'mod indipendenti u oggettiv mix-xhieda ta' haddiem iehor li l-impjegati tas-socjeta` intimata kienu forniti bl-apparat necessarju ghax-xoghol in dizamina;

"20.2. Illi *di piu`* jirrizulta assodat li l-istess impjegati kienu wkoll muniti b'*locker* appozitu biex fih jikkustodixxu dan l-apparat meta ma jkunux juzawh;

"20.3. Illi ghar min hekk, jirrizulta mix-xhieda tal-impjegat Fadaga li dan kien avvicinat mir-rikorrenti u mitlub jaghti versjoni qarrieqa tal-fatti kif verament zvolgew biex jagevola s-sitwazzjoni tar-rikorrenti, (ara foll 19);

"Ikkunsidrat:

"21. Illi jirrizulta wkoll assodat li l-istess rikorrenti kien gia` rrikonoxxa l-izball tieghu meta sammar il-hadida b'martell ta' l-azzar u dan, meta ma kienx liebes nuccali protettiv, (ara foll 19, 111 u 131);

"Ikkunsidrat:

"22. Illi ghalhekk, rinfaccata bis-suespost, il-versjoni tar-rikorrenti ma timmeritax l-avall ta' din il-qorti u ghalhekk qed tigi skartata;

"Ikkunsidrat:

"23.0. Illi in vista tas-suespost, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

"23.1. Illi l-mod kif hadem ir-rikorrenti fil-kaz odjern ma kienx mod accettabbli;

"23.2. Illi in effetti meta kien precedentement gie nnotat jahdem b'din is-sistema mill-ewwel ingibditlu l-attenzjoni ghal dan, gie muri li dan il-metodu kien wiehed hazin u li ma kellux jerga` jaghmel hekk;

"23.3. Illi *nonostante* dan, rega` hadem bl-istess metodu u kien hawnhekk li korra;

"23.4. Illi l-istess rikorrenti irrikonoxxa li l-incident in dizamina kien responsabbilita` tieghu;

"Ikkunsidrat:

"24. Illi *di piu`*, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` intimata pprovdiet l-apparat protettiv kollu lill-impjegati taghha, inkluz lir-rikorrenti;

"25. Illi l-istess diretturi ta' din is-socjeta` dejjem insistew li l-haddiem dejjem kellhom jilbsu dan l-apparat fuq ix-xoghol;

"26. Illi jirrizulta wkoll ghalhekk assodat li meta r-rikorrenti ghazel li jghawweg il-pjanca li kellu b'martell ta' l-azzar, hu kien qed jaghmel dan kontra l-istruzzjonijiet espressament moghtija lilu u kontra l-prassi accettata f'din is-sengha partikolari;

"27. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti ghandu jerfa` r-responsabbilita` kollha tal-akkadut;

"Ikkunsidrat:

"28. Illi in vista tas-suespost, din il-qorti ma' thossx il-htiega li tesplora il-hsara involuta u d-danni rizultanti, u konsegwentement tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn it-talbiet tar-rikorrenti;"

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Berkeib Abdulmajead Asad Elmajead, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u

minflok tilqa' t-talbiet kollha tal-attur appellant, bl-ispejjez kontra s-socjetà appellata.

6. Rat ir-risposta tal-appell tas-socjetà Auto Mechanical Engineering Services Limited, li permezz taghha wiegbet li l-appell interpost ghandu jigu michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

7. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami.

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi din il-kawza titratta azzjoni ghad-danni, minhabba incident fuq il-post tax-xoghol li fih korra l-attur li kien jahdem bhala mekkanik mas-socjetà konvenuta. L-incident sehh fit-18 ta' Dicembru, 2008, meta l-attur wegga' ghajnu x-xellugija, filwaqt li kien qieghed jahdem taret bicca metall f'ghajnu, bil-konsegwenza li kien jehtieg intervent kirurgiku u li halla lill-istess attur b'dizabilità permanenti, tant li ghama mill-ghajn in kwistjoni. L-attur iqis lis-socjetà konvenuta responsabbli ghall-akkadut peress li ma pprovditx post adegwat ghax-xoghol li kien qieghed jahdem fih l-attur u li l-incident sehh minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, non-kuranza, nuqqas ta' hila fl-ezercizzju tal-professjoni taghha u nuqqas ta'

harsien da parti tas-socjetà konvenuta, meta kellha l-impjegati taghha jahdmu fil-lant tax-xoghol. Kwindi talab li s-socjetà konvenuta (1) tigi dikjarata responsabbli ghad-danni subiti (2) li jigu likwidati d-danni sofferti minnu u (3) li tigi kkundannata thallas id-danni likwidati mill-Qorti. Bl-ispejjez kontra taghha.

10. Is-socjetà konvenuta cahdet ir-responsabbilità ghall-incident in kwistjoni, stante li tikkontendi l-istess incident sehh unikament minhabba imperizja, htija u nuqqas ta' osservanza u traskuragni tal-istess attur, minkejja li gie mwissi diversi drabi. Konsegwentement isegwi li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

11. L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tal-attur stante li ma rritenitx li huwa pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u ghalhekk, filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetà konvenuta, irrespingiet t-talbiet tal-attur, bl-ispejjez kontra l-istess attur.

12. L-attur hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interpona appell minnha u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(1) Ghalkemm kien hemm zewg verzjonijiet dijametrikament opposti, l-ewwel Qorti kellha tizen ix-xhieda u mhux tghoddhom. Dan meta, fil-fehma tal-appellant, kien hemm prova xjentifika da

parti tal-espert oftalmologu Dr. Albert Bezzina, li ssostni b'certezza l-verzjoni tieghu, li x-xrara li ghamlitlu hsara kienet gejja minn fuq ghal isfel, minn *grinder* li kien qieghed juza Joseph Spiteri fuq is-saqaf ta' xarabank vicin tieghu. L-appellant jikkontendi li mir-rapport tal-espert jirrizulta li (i) kien hemm framment tal-metall, (ii) li vvjagga b'velocità kbira; (iii) id-dhul taghha kien minn fuq il-kappell ta' fuq l-ghajn u (iv) spiccat fuq in-naha ta' gewwa tal-ghajn. Li kieku l-ferita fuq il-kappell tal-ghajn ta' fuq kienet grat ghax kien hemm dhul minn isfel ghal fuq, kienet tkun *exit wound* u l-farka tal-metall ma kinitx tkun aktar fl-ghajn. Din, fil-fehma tieghu, kienet prova xjentifika li giet maqbuza mill-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti.

(2) L-attur appellant isostni li s-socjetà konvenuta kellha responsabbilità oggettiva li tara li l-ambjent tax-xoghol ikun wiehed li ma johloqx perikolu ghal min qed jahdem hemm, li wkoll giet injorata mill-ewwel Qorti. Ir-regolamenti tas-sigurtà jimponu obbligu tal-ilbies protettiv, skont ir-regolamenti mposti fuq min ihaddem. Jikkontendi li huwa ma kienx liebes in-nuccali, mhux ghaliex ma riedx jilbsu, imma ghaliex ma kienx instab fuq il-post tax-xoghol. Isostni li huwa kien xtara dan in-nuccali huwa stess u li jekk ghall-grazzja tal-argument kienet xtratu s-socjetà konvenuta, hija kellha obbligu statutorju li jkollha ohrajn disponibbli fuq il-post tax-xoghol. Jaghmel referenza ghall-gurisprudenza li tinvesti l-obbligi oggettivi

ta' min ihaddem u jissottometti li jekk wiehed mid-diretturi tas-socjetà konvenuta ra li l-appellanti ma kellux nuccali, kellu obbligu li ma jhallihx jahdem u mhux imur jaghmel il-*grinding* vicin tieghu. Dan meta l-istess attur appellant kien qieghed jaghmel xoghol vicin Direttur tas-socjetà kovenuta. Jirrileva li l-Avviz Legali 121 tas-sena 2003 jimponi obbligu fuq min ihaddem (regolament 10 tal-L.S. 424.21) li barra li l-ilbies protettiv jinghata minghajr hlas, ikun jiffunzjona tajjeb u jekk mehtieg, anke jaghmel tibdiliet ta' partijiet mit-taghmir.

(3) In kwantu ghal-likwidazzjoni tad-danni, l-attur appellant jaghmel referenza ghat-talbiet tieghu kif proposti quddiem l-ewwel Qorti.

13. Kif gustament osservat mis-socjetà konvenuta appellata, meta jitqajjem aggravju li jolqot l-apprezzament tal-provi li jkun sar minn qorti tal-ewwel grad, ghalkemm din il-Qorti ghandha tara u tifli dik il-valutazzjoni, m'ghandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm ragunijiet tabilhaqq serji biex taghmel dan. Il-funzjoni ta' revizjoni li trid taghmel din il-Qorti ma jwasslux bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-ezercizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti, bhallikieku ma sar xejn. Ghall-kuntrarju, jekk jirrizulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti huwa wiehed sostnut mill-provi li

jinsabu fl-atti, u li l-konkluzjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sintezi tar-ragunament mibni fuq dawk il-provi u t-thaddim xieraq tal-ligi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik diskrezzjoni. Kif inghad minn din il-Qorti, fis-sentenza taghha tas-16 ta' Dicembru, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Nazzareno Cardona et v. Massimo Zahra et**:

> *"… din il-Qorti tagħraf li bħala regola m'għandhiex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi jew ta' min imissu jitwemmen. F'ċirkostanzi bħal dawn, sakemm l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi fattwali li jsir mill-ewwel Qorti ma jkunx fid-dieher wieħed irraġonevoli, din il-Qorti ma tindaħalx biex tgħid x'kienet taħseb hi jew jekk l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti kinitx tagħmlu bħalha[1]. Madankollu, huwa minnu wkoll li din il-Qorti (diversament komposta) qalet li "Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti"[2].*

Ghalhekk din il-Qorti hija obbligata li tixtarr mill-gdid il-provi in atti.

14. Jibda billi jigi osservat li, in kwantu ghall-ilment tal-attur appellant, li l-ewwel Qorti njorat il-prova xjentifika li s-sekwenza tal-avvenimenti kienet hekk kif spjegat minnu u mhux kif jispjegaw ir-rapprezentanti tas-socjetà konvenuta u bosta mpjegati ohra, jibqa' vigenti l-principju li min

[1] *App. Ċiv. 26.1.2018 fil-kawża fl-ismijiet Josephine Aġius vs Piju Theuma*

[2] App. Ċiv. 14.12.2018 fil-kawża fl-ismijiet *Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et*

jallega jrid jipprova. Tajjeb li jigi nnutat li l-ligi wkoll tipprovdi li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u li l-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li, ssirilha l-ahjar prova li parti tista' ggib (Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-27 ta' Gunju, 1953 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Zammit v. Joseph Hili**, (Kollez. Vol. XXXVII.I.577) insibu: "*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat*"." Ghalhekk fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal ghad-decizjoni taghha fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur lahaq l-oneru tal-prova mitfugh fuqu.

15. Applikat dan il-principju ghall-kaz in ezami, jirrizulta li filwaqt li l-attur qieghed jikkontendi li kienet xrara li taret minn fejn kien qieghed jahdem Joseph Spiteri, direttur tas-socjetà konvenuta, bil-*grinder* fuq xarabank, ir-rapprezentanti tas-socjetà konvenuta u l-bqija tax-xhieda jikkontendu li l-framment li tar ghal go ghajn l-attur kien konsegwenti ghall-fatt li l-attur kien qieghed isammar bil-martell fuq martell iehor, prattika perikoluza ladarba z-zewgt imrietel kienu maghmula mill-azzar u li kien konsegwenza ta' dan li taret xrara ghal go ghajn l-attur. Id-diffikultà li qamet hija li, ghalkemm kien hemm numru ta' haddiema ohra fl-istess

garaxx, hadd minnhom ma kien qieghed jahdem mal-attur, kwindi m'hemm ebda xhud okkulari fil-mument li sehh l-incident, li seta' jghid b'certezza dak li gara.

16. L-attur jipprova jsahhah il-verzjoni tieghu tad-dinamika ta' kif sehh l-incident, permezz ta' dak li jsejjah "prova xjentifika", cioè r-rapport mediku ta' Dr. Albert Bezzina, espert oftalmologu mahtur mill-ewwel Qorti. Dan peress li jinghad minnu li ladarba x-xrara dahlet mill-kappell t'ghajnu u l-framment tal-metall baqa' f'ghajnu, bilfors li t-trajettorja kienet kif jixhed l-attur (minn fuq ghal isfel) altrimenti kieku d-dhul kien min isfel ghal fuq, kienet tkun *exit wound* u l-farka tal-metall ma kinitx tibqa' fl-ghajn.

17. Ghandu jinghad mal-ewwel li, dan l-argument tal-attur huwa pjuttost kongetturali aktar milli wiehed xjentifiku. Kif osservat mill-istess attur appellant, il-morsa fejn kien hemm il-bicca metall li kien qieghed jahdem fuqha l-attur tkun fl-gholi tal-livell ta' qaddu. Dan ifisser li, meta l-attur kien qieghed isabbat fuq il-metall bil-martell, wiccu ovvjament ikun qieghed ihares 'l isfel mhux bi dritt jew 'il fuq, altrimenti l-attur ma jkunx qieghed ihares lejn fejn qieghed jahdem. Dan il-fatt ibiddel totalment it-tejorija tal-attur appellant dwar it-trajettorja tal-fraka tal-metall li dahlet f'ghajn l-attur, peress li sabiex l-attur ihares 'l isfel lejn il-morsa, huwa ferm

possibbli li l-fraka tal-metall taret ghal gewwa l-kappell tal-ghajn u baqghet maqbuda gewwa l-ghajn.

18. Kif osservat mill-istess socjetà konvenuta appellata, ir-rapport tal-perit mediku taht it-titolu "*Circumstances leading to the injury",* jinghad: *"In brief, on the 18th of December 2008, while Mr. Barkieb was at his place of work,* ***he was hit in his left eye by a small metal fragment <u>while hammering</u>****."* Ma tressqet ebda mistoqsija in eskussjoni lill-espert mediku sabiex jixhed dwar l-allegata trajettorja ta' kif dahlet il-farka tal-metall f'ghajn il-vittma, liema mistoqsija kienet tkun xierqa, ladarba l-attur xtaq jaghmel l-argument xjentifiku dwar l-istess trajettorja. Hekk ukoll, fejn jinghad mill-espert mediku taht it-titolu "*First Medical Attention"* li: "*A penetrating ocular injury to the left eye by a high velocity metal fragment was confirmed…The fragment had penetrated the tissue of the upper eyelid, subsequently the white outer coat of the eye (known as the sclera) and caused injury and dislocation of the crystalline lens. The CT scan showed the fragment to have lodged in the vicinity of the posterior tissue of the left eye."*. Ghalkemm din il-Qorti tista' taccetta bhala d-dinamika ta' kif sehh l-incident, kif jinghad mill-attur appellant li: (i) kien hemm framment tal-metall; (ii) li vvjaggat b'velocità kbira; (iii) li dahlet mill-kappell tal-ghajn u li (iv) spiccat fuq in-naha ta' wara tal-ghajn – din id-dinamika fiha nnifisha, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma teskludix li l-incident sehh kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti.

19. Inoltre l-verzjoni tad-diretturi tas-socjetà konvenuta hija sostnuta permezz tax-xhieda ta' diversi mpjegati taghha li xehdu li l-istess attur qalilhom li l-incident sehh hekk kif kien qieghed isammar il-pjanca li kienet fil-morsa permezz ta' martell fuq martell iehor. Ara f'dan is-sens b'mod partikolari x-xhieda ta' Reuben Fenech u ta' Ghergis Weldensae Fadaga li t-tnejn xehdu li semghu lill-istess attur jghid li l-incident sehh meta sammar b'martell fuq iehor. Lil hinn min-numru ta' xhieda li jikkorroboraw il-verzjoni tas-socjetà konvenuta dwar id-dinamika tal-incident, ix-xhieda ta' Fadaga tikseb relevanza akbar, meta wiehed iqis li din ix-xhieda nghatat minnu qabel ma telaq ghal kollox minn Malta, kwindi jista' tabilhaqq jittiehed bhala xhud indipendenti peress li ma kien hemm ebda raguni l-ghala ma jghidx il-verità.

20. Huwa minnu li l-imrietel ma gewx esebiti, madankollu kien jinkombi fuq l-attur li jressaq l-ahjar prova dwar id-dinamika tal-incident, li f'dan il-kaz kienet tkun opinjoni teknika dwar id-dinamika tal-incident u ma jistax issa jittanta jikkonvinci lil din il-Qorti fuq bazi ta' kongetturi. Dan apparti li, kif rilevat mill-ewwel Qorti, din ma kinitx l-ewwel darba li l-attur kien adotta din il-prattika hazina, tant li Alfred Spiteri, direttur tas-socjetà konvenuta jixhed li f'okkazjoni precedenti, kien gibed l-attenzjoni tal-attur li din kienet prattika hazina li setghet twassal ghal korriment, liema twissija kienet ikkonfermata minn Ghergis Fadaga. Kwindi ghalkemm l-

ewwel Qorti ma dahlitx f'din id-dinamika tal-incident *per se,* tenut kont l-assjem tal-provi, din il-Qorti ma tarax li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti kienet zbaljata dwar kif effettivament sehh l-incident u ghalhekk l-ewwel ilment tal-attur appellant ma jimmeritax li jintlaqa'.

21. Dan iwassal ghat-tieni ilment, dak dwar ir-responsabbilità ghall-incident in kwistjoni. Ghandu jinghad li fejn jidhlu incidenti fuq il-post tax-xoghol, meta persuna tkorri waqt li tkun qieghda twettaq il-qadi ta' dmirijietha, il-prova tar-responsabbilità ta' dak li gara xorta taqa' fuq min ikun wegga' (l-attur). Il-fatt wahdu li persuna tkorri fuq il-post tax-xoghol, ma jfissirx li min ihaddem ghandu bilfors igorr ir-responsabbilità ghal dak li gara, jew li l-persuna li korriet tehles mill-htiega li tipprova l-allegazzjoni taghha. Dana peress li kif inghad qabel, il-principju jibqa' li min jallega jrid jipprova. Dak li jrid jipprova l-attur appellant, huwa n-ness li dak li sehh, kien konsegwenza ta' xi agir jew xi nuqqas ta' min ihaddem u li dak li gara ma jkunx konsegwenza ta' agir jew nuqqas tieghu stess.

22. F'kawzi ta' danni fejn ikorri haddiem fuq il-post tax-xoghol, jibqghu vigenti l-principji regolatorji fil-qasam civili fis-sens li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu (Artikolu 1031 tal-Kodici Civili - Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) meta jirrizulta li fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032) jew li jkun ghamel jew naqas li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-

ligi (Artikolu 1033). Inoltre fil-qasam tas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, tapplika ligi specjali li tirregola d-dmirijiet u l-obbligi kemm ta' min ihaddem, kif ukoll tal-haddiem.

23. Hija regola generali f'dan il-qasam li, min ihaddem irid jipprovdi a *safe system of work.* (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Marzu, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **George Cardona et v. Ferdinando sive Randu Zammit et**). Hemm grad gholi ta' responsabbilità fuq min ihaddem, tant li da parti tieghu ghandu jipprova li l-incident ikun sehh minkejja li jkun hares dak kollu li l-ligi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Fost id-dmirijiet li l-ligi titfa' fuq min ihaddem insibu l-piz li jiehu l-mizuri xierqa sabiex jigu identifikati u evalwati r-riskji, kif ukoll li jittiehdu l-mizuri mehtiega li jitnaqqsu dawk ir-riskji (Artikolu 6 (2) tal-Kap. 424), kif ukoll id-dmir tal-ghoti tat-taghrif, taghlim u tahrig mehtieg, kif ukoll supervizjoni sabiex tithares is-sahha u s-sigurtà tal-haddiem (Artikolu 6 (3) tal-Kap. 424).

24. Min-naha l-ohra, il-grad gholi ta' responsabbilità ta' min ihaddem, ma jehlisx lill-haddiem mill-obbligu li jhares is-sahha u s-sigurtà tieghu nnifsu u ta' dawk kollha li jistghu jintlaqtu mix-xoghol li jkun qieghed iwettaq (Artikolu 7 (1) tal-Kap. 424) jew milli jikkoopera ma' min ihaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (Artikolu 7 (2) tal-Kap. 424). Hekk ukoll jitqies li haddiem ghandu jzomm lura milli jqieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni

li tesponih ghal riskju bla bzonn u li joqghod attent ghal dak li jkun qieghed jaghmel. Huwa ritenut li haddiem li jonqos milli joqghod ghall-istruzzjonijiet li jkun tah, jew ghall-prekawzjonijiet li jkun fetahlu ghajnejh ghalihom min ihaddem, ghandu jbati l-konsegwenzi li jgarrab. Hekk inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Peter Ronald v. Polibon Construction Limited:**

> " ***Huwa minnu li d-datur tax-xoghol ghandu obbligu li jhares l-inkolumita` tal-impjegati tieghu u dana billi jpprovdi dak li jissejjah 'a safe system of work' kif ukoll 'a safe place of work'. Ghandu wkoll jaccerta ruhu li l-impjegati tieghu jkunu mharrga sew dwar ix-xoghol li jkunu mistennija li jaghmlu. Pero` daqstant ghandhom obbligu dawk l-istess impjegati li, fl-interess taghhom stess, fl-ewwel lok jobdu dawk l-istruzzjonijiet li jkunu gew moghtija lilhom mill-employer u inoltre jagixxu b'mod dettat mis-sens komun, sabiex jassiguraw l-inkolumita` taghhom.***
>
> *"…*
>
> *"L-attenzjoni mehtiega mis-socjeta` konvenuta hija dik ta' bonus pater familias u mhux fi grad oghla, u la darba jirrizulta li kien hemm sorveljanza kontinwa u li kienet inghatat l-ordni specifika biex ma jigux ezegwiti dawk ix-xoghlijiet li eventwalment wasslu ghall-incident, l-istess socjeta` konvenuta issodisfat dan l-obbligu taghha u konsegwentement ma tistax tinsab responsabbli ghall-akkadut billi l-attur iddizobbedixxa ordni espressa tad-datur tax-xoghol tieghu."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, f'dan il-kaz ukoll jirrizulta li l-attur ghazel li jghawweg il-metall permezz ta' daqqiet ta' martell fuq martell iehor, prassi li d-direttur tas-socjetà konvenuta kien diga` wissieh li kienet wahda hazina, kif ikkonferma x-xhud Fadaga. Dan ifisser li l-attur ghazel li jinjora l-istruzzjonijiet moghtija lilu, liema ghazla ggorr il-konsegwenzi maghha.

25. Kuntrarjament ghal dak li jinghad mill-attur, mill-atti jirrizulta li s-socjetà konvenuta kienet tipprovdi lill-haddiema taghha bit-taghmir protettiv kollu mehtieg, jigifieri *safety shoes,* ingwanti, *safety helmet,* nuccali, maskla u ohra *disposable,* kif ukoll *locker* ghal kull haddiem sabiex ikollu post fejn izomm il-hwejjeg tieghu. F'dan is-sens hija x-xhieda mhux biss tad-diretturi tas-socjetà konvenuta, Alfred Spiteri u Joseph Spiteri, izda tax-xhieda kollha bhal Clint Bonnici, Joseph Buhagiar u Reuben Fenech (ilkoll impjegati mas-socjetà konvenuta). Fl-affidavit tieghu l-attur jilmenta li, l-imghallem ma kien tah ebda taghmir protettiv u li kien xtara lbies protettiv huwa stess, mentri l-imghallem tah nuccali wara ftit xhur. Relevanti f'dan il-kuntest hija x-xhieda ta' Clint Bonnici li xehed li qatt ma naqashom it-taghmir protettiv u meta kienu jitolbu xi haga dan kien jigi provdut lilhom. Fid-dawl tax-xhieda tal-impjegati l-ohra u mit-traskrizzjoni ta' konversazzjoni bejn l-attur u Fadaga, din il-Qorti tinsab konvinta li s-socjeta konvenuta tabilhaqq kienet taqdi d-dmir taghha li tipprovdi t-taghmir protettiv. Kwindi l-attur kellu d-dmir li jinqeda bl-apparat ta' sigurtà li jaghtih min ihaddmu u ghandu htija jekk dak l-apparat ma jinqediex bih. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 23 ta' Jannar, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Pace et v. Enemalta Corporation et** citata mill-attur.)

26. L-attur jghid ukoll li, qabel l-incident, kien ilu xi tliet ijiem minghajr nuccali fuq il-post tax-xoghol peress li setax isibu. Jghid li minkejja li fittxu

baqa' ma sabux u meta nforma lill-imghallem tieghu, dan qallu biex jahdem xorta wahda u li jekk jidhirlu xi haga, kellu jixtri wiehed gdid personalment. Fir-rikors tal-appell, l-attur appellant jikkontendi li anke jekk kienet xtratu s-socjetà konvenuta hija kienet obbligata li jkollha ohrajn ghad-dispozizzjoni tal-haddiema taghha. F'dan ir-rigward ma jinghad xejn mir-rapprezentanti u l-impjegati tas-socjetà konvenuta, ghajr li d-dirigenti kienu jigbdu l-attenzjoni tal-haddiema jekk jaraw li ma jkunx intlibes it-taghmir protettiv. Mit-traskrizzjoni ta' konversazzjoni bejn l-attur u Fadaga jirrizulta dan l-episodju fejn l-attur kien tilef in-nuccali (fol. 38, 40 tal-process), izda jirrizulta wkoll li kien hemm nuccalijiet ohra disponibbli ghall-haddiema (fol. 39 tal-process). Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, juri zewg nuqqasijiet, l-ewwel nuqqas huwa t-traskuragni tal-attur li bi ftit attenzjoni seta' jfittex u jsib in-nuccali tieghu jew juza iehor minfloku, kif ukoll it-tieni nuqqas, din id-darba tas-socjetà konvenuta, li effettivament ghalkemm ipprovdiet it-taghmir protettiv ma kinitx qieghda taghmel sorveljanza effettiva tal-haddiema taghha meta halliet lill-attur jahdem minghajr in-nuccali protettiv.

27. Kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru, 2017, fil-kawza fl-ismijiet **Frederick Sammut et *v.* Direttur Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili et**, proprju indirizzat dawn l-obbligi partikolari ta' min ihaddem, meta qalet:

> *"Kull min iħaddem għandu jagħmel dan l-eżerċizzju billi jottempera ruħu mad-dmirijiet ġenerali li jadotta prekawzjonijiet xierqa bħala bonus paterfamilias, u għalhekk, f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol, għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni kritika tal-miżuri preventivi u protettivi.* ***Dan jinkludi li jiġi kkonsidrat kemm in-natura tal-attivitajiet tax-xogħol billi tingħata l-informazzjoni u t-taħriġ meħtieġa skont il-liġi; li jara li jiġi pprovdut post sigur fejn isir it-taħriġ; li tingħata l-għodda adegwata u l-ilbies kollu protettiv meħtieġ; kif ukoll li tali għodda hekk adattata tiġi użata u lbies attwalment użat, <u>b'dan li anki kieku jingħata l-ilbies u apparat protettiv kollu …xorta waħda l-prinċipal għandu jara li l-apparat jiġi effettivament użat</u>***.*"*

Ghalhekk, ghalkemm jinghad mid-diretturi tas-socjetà konvenuta li kienu jwettqu supervizjoni tal-haddiema, u wiehed minnhom kien prezenti fil-garaxx fil-mument tal-incident, jirrizulta li kien hemm nuqqas ta' supervizjoni effettiva li tassigura li l-haddiema, f'dan il-kaz l-attur, kien qieghed effettivament juza t-taghmir protettiv provdut lilu. F'dan is-sens ukoll hija s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Frar, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Francis Aquilina v. Louis Cassar pro et noe**, fejn gie osservat li min ihaddem ghandu l-obbligu mhux biss li jforni l-ilbies protettiv "*imma darba provdut kellu d-dover li jesigi u jara li jintlibes u jiddixxiplina lil min ma jilbsux*."

28. Nuqqas iehor li tirriskontra din il-Qorti huwa li, ma jirrizultax li l-haddiema tas-socjetà konvenuta kienu jinghataw xi tahrig partikolari ghajr ghall-fatt li d-diretturi taghha kienu jduru mal-haddiema u meta josservaw xi nuqqas jigbdu l-attenzjoni ta' dak li jkun. Izda t-tahrig, f'kwalunkwe qasam tax-xoghol, ghandu jkun ferm aktar pro-attiv minn hekk, sabiex il-

haddiema jkunu mharrga sew fi proceduri tajba biex ix-xoghol ikun jista' jsir minghajr perikolu. Aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra kemm in-natura tax-xoghol, kif ukoll li ghalkemm nies bhall-attur jinghad li kellu hafna snin esperjenza f'pajjizu bhala mekkanik, il-prattici tax-xoghol fil-pajjiz tal-origini tieghu, mhux necessarjament li jkunu l-istess bhal dawk lokali. Kwindi ssir aktar relevanti l-htiega li jsir it-tahrig, sabiex haddiem barrani jkun jista' jigi ndokrat sew kontra l-perikli assocjati max-xoghol in kwistjoni, kif ukoll sabiex jintegra ruhu ahjar u jaddatta ghall-post tax-xoghol.

29. Isegwi li minn dak riskontrat minn din il-Qorti, t-tieni lment tal-attur ghandu jintlaqa' parzjalment sabiex is-socjetà konvenuta ggorr parti mir-responsabbilità ghall-incident ghan-nuqqas li tipprovdi tahrig lil-haddiema u supervizjoni effettiva li l-haddiem ikun qieghed jaghmel uzu mit-taghmir protettiv provdut lilu. Fil-fehma ta' din il-Qorti r-responsabbilità ghall-incident ghandha tinqasam ugwalment bejn il-kontendenti fil-kawza, peress li lanqas ma tista' titwarrab il-kontributorjeta' tal-istess attur ghall-akkadut. In-negligenza tal-attur li minkejja li kellu t-taghmir protettiv, huwa m'utilizahx, kif ukoll minkejja li ngibdet l-attenzjoni tieghu sabiex ma juzax il-prattika li jsammar martell fuq martell, u l-perikolu li jista' jirrizulta minn tali prattika, huwa baqa' jadotta dik il-prattika hazina wasslu ukoll ghall-akkadut. Kwindi din il-Qorti ser tassenja r-responsabbilità ghall-incident in kwistjoni fil-proporzjon ta' 50% kull wiehed.

30. Trattat it-tieni lment, fejn ser jintlaqa' l-aggravju tal-attur li s-socjetà konvenuta ghandha ggorr parti mir-responabbilità, isegwi li jmiss li tigi ndirizzata l-kwistjoni tal-likwidazzjoni ta' danni, materja li ma kinitx trattata mill-ewwel Qorti ladarba ma gietx allokata responsabbilità lis-socjetà konvenuta. Madankollu l-partijiet kienu ressqu l-provi u ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex taghmel il-likwidazzjoni mehtiega.

31. In kwantu ghall-grad ta' dizabilità, l-espert mediku nkarigat mill-ewwel Qorti, Dr. Albert Bezzina, ikkwantifika l-hsara li garrab l-attur bejn 18% u 22%. Jirrizulta min-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti fil-kawza li kien hemm qbil li tigi adottata medja ta' 20% ghall-kaz in ezami bhala rata ta' dizabilità. Hekk ukoll jirrizulta pacifiku li l-attur kellu qliegh ta' madwar €10,000 fis-sena, li din il-Qorti tqis ragonevoli. Id-divergenza bejn il-kontendenti fil-kawza li jehtieg aktar approfondiment, kienet titratta l-*multiplier* li kellu jigi adottat u tnaqqis dwar il-*lump sum payment.*

32. F'dak li ghandu x'jaqsam il-*multiplier,* kif kellha okkazjoni din il-Qorti tosserva fir-rigward tal-*multiplier* f'diversi kazijiet ohra, normalment f'cirkostanzi bhal dawn, m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-età tal-irtirar, u l-età tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-*multiplier* irid jinkorpora go fih dak l-element ta' *chances and changes of life or*

*vicissitudes of life*. Il-kuncett ta' *chances and changes of life*, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-*working life expectancy* m'ghandux ikun ikkonsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-*multiplier*. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza fl-ismijiet **Gauci v. Bugeja**, deciza fis-27 ta Novembru, 2009.) F'dan is-sens ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet **Anthony Turner et v. Francis Agius et** deciza fit-28 ta' Novembru 2003, fejn inghad hekk:

> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income."* (**The Law of Tort - W.V.H. Rogers**, 1994, 2nd Ed. P.228)

Inghatat ukoll is-segwenti definizzjoni fir-rigward tal-*multiplier:*

> *"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases." (***Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law** 6th Edit, 1999, p.122*).*

33. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Dicembru, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited,** inghad hekk:

> "*Fis-sentenza recenti ta' din il-Qorti Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et, deciza fl-24 ta' Gunju, 2016, inghad ukoll illi:*
>
> *"F'dan il-kaz ukoll ikun xieraq, illi konsidrat l-eta` tal-attur fil-mument tal-incident, ghandu jittiehed kont tal-incertezza ta' chances and changes of life u ghalkemm huwa kellu aspettativa ta' hajja lavorattiva ta' 30 sena, wiehed ghandu jqies l-incertezza li toffri l-hajja fir-rigward. Il-multiplier mhux massima ta' mizura ta' kalkolu awtomatiku u rigidu imma ghandu jippermetti temperament anke jekk marginali, fil-kaz fejn l-aspettativa hija fit-tul u l-incertezza ferm akbar. Il-multiplier ghandu jigi applikat sabiex ikun stabbilit bilanc bejn id-dritt tal-parti leza u l-obbligu tal-obbligat. Mhux il-kaz li wiehed jadoperah bhal li kieku hemm xi certezza dwar ghexieren ta' snin futuri, ghax dan huwa kamp fejn ghandha tregi l-moderazzjoni."*
>
> *"Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ghalkemm hija ben konxja tal-fatt li l-hajja lavorattiva qeghda dejjem tizdied, izda, min-naha l-ohra, meta tikkonsidra l-element tac-chances and changes in life, li minn dejjem gie kkonsidrat bhala parti integrali mill-komputazzjoni tal-hsara, tara li multiplier ta' 22 adoperat mill-ewwel Qorti ghall-kaz in ezammi, fejn l-attur appellant kellu 35 sena meta sehh l-incident, huwa wiehed gust u ekwu."*

Hekk ukoll f'dan il-kaz, l-attur kellu 35 meta gara l-incident u ghalhekk ser tadopera l-istess multiplier ta' 22.

34. In kwantu ghal *lump sum reduction,* meqjus il-fatt li l-kawza giet intavolata fis-sena 2009, kif ukoll, li ser tinghata sentenza finali f'dan il-kaz wara hdax-il sena, tqis opportun li ma jsirx dan it-tnaqqis. Wara kollox meta titnaqqas percentwali ta' tnejn fil-mija (2%) ghal kull sena li ghaddiet minn dakinhar li nfethet il-kawza (29 ta' Mejju, 2009) sa dakinhar li tinghata s-sentenza finali, ma jibqa' l-ebda percentwal x'jitnaqqas. Fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Turner et v. Francis Agius et,** deciza fit-28 ta' Novembru 2003, gie osservat li meta bhal dan il-kaz l-azzjoni, tiehu trapass twil ta' zmien sa meta tinghata s-sentenza

finali, dan "*ghandu jimmilita kontra l-applikazzjoni ta' tnaqqis ghal fini ta' 'lump sump payment*". Kwindi fil-fehma tal-Qorti m'ghandu jsir ebda tnaqqis ghall-fini ta' "*lump sum payment".*

35. Ghalhekk l-ammont dovut lill-attur bhala *lucrum cessans* ghandu jinhadem kif gej: €10,000 x 22 sena x 20% dizabilità = €44,000. Konsidrat li l-attur ghandu jgorr nofs ir-responsabbilità €44,000 x 50%= €22,000. Ma jirrizultax li l-attur talab li jigi kkumpensat xi somma flus bhala *damnum emergens.*

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn spjegati, tiddisponi mill-appell tal-attur appellant, billi tilqa' t-tieni aggravju tieghu u ghalhekk thassar is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Marzu, 2015, fl-ismijiet premessi, sabiex filwaqt li ssib lis-socjetà konvenuta in parti responsabbli fil-grad ta' 50%, ghall-incident in kwistjoni fejn l-attur garrab dizabilità permanenti; tillikwida d-danni dovuti lill-attur fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000), tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000); b'dan illi l-imghax jiddekorri fuq dan l-ammont mil-lum, bhala d-data tal-likwidazzjoni tad-danni.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu in kwantu ghal nofs ($^{1}/_{2}$) mill-attur appellant u nofs ($^{1}/_{2}$) mis-socjetà konvenuta appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm